**It-Tlieta, 26 ta’ Novembru 2019**

P9_TA(2019)0062

# Nomina ta’ membru tal-Qorti tal-Awdituri – François-Roger Cazala

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta’ Novembru 2019 dwar il-ħatra proposta ta’ François-Roger Cazala bħala Membru tal-Qorti tal-Awdituri (C9-0121/2019 – 2019/0814(NLE))**

**(Konsultazzjoni)**

(2021/C 232/17)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 286(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C9-0121/2019),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 129 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0031/2019),

A. billi l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tiegħu evalwa l-kwalifiki tal-kandidat propost, b’mod partikolari fir-rigward tal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 286(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

B. billi waqt il-laqgħa tiegħu tat-12 ta’ Novembru 2019, il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit sema’ lill-kandidat propost mill-Kunsill bħala Membru tal-Qorti tal-Awdituri;

1. Jagħti opinjoni favorevoli dwar il-proposta tal-Kunsill għall-ħatra ta’ François-Roger Cazala bħala Membru tal-Qorti tal-Awdituri;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u, għal skopijiet ta’ informazzjoni, lill-Qorti tal-Awdituri kif ukoll lill-istituzzjonijiet l-oħra tal-Unjoni Ewropea u lill-istituzzjonijiet tal-awditjar tal-Istati Membri.